Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, il-15 ta' Gunju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon**
**Spettur Christina Delia)**

**Versus**

**Lydon Gravina**
**(208289M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra Lydon Gravina, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 208289M.

Akkuzat talli:

B'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istesss dispozzizjoni tal-ligi jew dispozizzjonijiet relatati tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

Nhar it-23 ta' Mejju 2021, ghal habta ta'  bejn it-tlieta u t-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15.00hrs-15.30hrs) minn gewwa l-istabbilment Mc. Donald's li jinsab gewwa Pjazza Bugibba, San Pawl il-Bahar u\jew fil-vicinanzi:

1. Ikkommetta serq ta' Apple IPad liema serq huwa aggravat bil-Valur liema ammont ma' jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Sean Galan u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

U aktar talli nhar l-24 ta' Mejju 2021, ghal habta ta'  bejn is-saghtejn u nofs u t-tlieta ta' wara nofsinhar (14.30hrs-15.00hrs) minn gewwa l-istabbilment Hammett's Gastro Pub li jinsab gewwa x-Xatt ta' Tigne, Sliema u\jew fil-vicinanzi;

2. Ikkommetta serq ta' Apple IPad liema serq huwa aggravat bil-Valur liema ammont ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Petar Mladenovic u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta lill-imputat bhala recidiv ai termini ta' Artikolu 49 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistawx jinbidlu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija ghar-reati hawn fuq imsemmija u jekk jidhrilha xieraq tordna lill-hati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa jew li hu xjentement laqa' ghandu b'ricettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligh iehor kontra l-ligi bi hsara ta' dik il-parti bi, jew permezz tar-reat, jew li jhallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offiza jew hsara ohra ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija peruna sabiex thallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk jkun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2022.

Semghat is-sottomissjonijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

__**Decide**__

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 7, 18, 31, 49, 261(c), 267, 279(a), 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda **ssib lil imputat Lydon Gravina hati ta' l-imputazzjonijiet kollha** migjuba kontrih u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lil hati **Lydon Gravina** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation

moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Protezzjoni u/jew il-Garanzija Personali, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Illi fil-kaz odjern ma' gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat